

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u A.-C. Simon, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjonijiet li jirtiraw il-benefiċċju tal-allowance għal wild dipendenti mogħti lir-rikorrenti għal ommha u li jirtiraw il-kopertura tagħha mill-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard tal-istituzzjonijiet Ewropej (RCAM) u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjonijiet tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) WR (*) għandha tbat i-istess tagħha stess u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 421, 24.11.2014, p. 58.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Lulju 2015 – De Almeida Pereira vs Eurojust

(Kawża F-142/14) (¹)

(*Servizz pubbliku — Persunal ta' Eurojust — Membru tal-persunal temporanju — Avviż ta' pożizzjoni vakanti — Proċedura ta' selezzjoni tal-kandidati — Eżami tal-kandidaturi minn kumitat ta' selezzjoni — Ammissjoni għall-pass li jmiss tal-proċedura ta' selezzjoni — Kundizzjonijiet — Evalwazzjoni tal-kriterji ta' selezzjoni — Livell ta' punti meħtieġa — Ċaħda tal-kandidatura — Rikors manifestament infondat fid-dritt — Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura*)

(2015/C 270/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Manuel Antonio De Almeida Pereira (Voorburg, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: E. H. Schulze, avukat)

Konvenuta: Eurojust (rappreżentanti: C. Deboyser u J. Carmona-Bermejo, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix ammess għall-fażi ta' evalwazzjoni permezz ta' intervista, fil-kuntest tal-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' konsulent għall-Uffiċċju tal-President ta' Eurojust.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.
- 2) M. A. De Almeida Pereira għandu jbat i-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn Eurojust.

(¹) ĠU C 81, 09.03.2015, p. 30.

(*) Informazzjoni mħassra fil-qafas tal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.